**7 ta' Novembru, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

A u B

*versus*

Direttur tar-Reġistru Pubbliku

**Kap. 255 - Att dwar iż-Żwieġ - Dispensa**

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat deċiżjoni tat-Tribunal Reġjonali tat-Tieni Istanza li ddikjarat null iż-żwieġ kattoliku tar-rikorrenti u ordnat id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jirreġistra d-dispensa tal-Kongregazzjoni tal-Kult Divin u Dixxiplina tas-Sagramenti li ddikjarat lill-kontendenti dispensati miż-żwieġ tagħhom.*

Il-Qorti:-

Dan huwa digriet wara r-rikors konġuntiv magħmul minn A u B li bih qegħdin jitolbu li din il-Qorti tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jirreġistra fit-termini ta' l-artikoli 23, 24 u 28 ta' l-Att I ta' l-1995, id-Dispensa mogħtija mill-Kongregazzjoni tal-Kult Divin u d-Dixxiplina tas-Sagramenti, fis-7 ta' Frar, 1997. Din id-dispensa ddikjarat li r-rikorrenti kienu ddispensati miż-żwieġ kattoliku ċċelebrat fil-Knisja Parrokjali ta' Ħal Tarxien fit-8 ta' Diċembru, 1994. Kopja awtentika tad-Dispensa u tat-traduzzjoni bil-Malti ta' l-istess

huma esebiti fl-inkartament u mmarkati bħala Dok. A u B;

Issa l-Qorti - eżaminat l-artikolu 24 (1) u 24 (2) tal-Kap. 255 għall-konformità tat-talba u r-rekwiżiti proċedurali;

Sodisfatta illi ma jeżisti ebda ostakolu għal dik l-esekuzzjoni, minn dawk li jissemmew fis-subartikolu 45 ta' l-artikolu 24, Kap. 255;

Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jirreġistra kif imiss id-Dispensa ta' l-imsemmi Kongregazzjoni tal-Kult Divin u d-Dixxiplina tas-Sagramenti tas-7 ta' Frar, 1997 li ddikjarat lil A u B dispensati miż-żwieġ tagħhom ċelebrat fit-8 ta' Settembru, 1994 u dana kif provdut ai termini ta' l-artikoli 23, 24, 25, 26 u 28 ta' l-Att I ta' l-1995 (Kap. 255).